Australian Government

myagedcare

Tirċievi r-riżultat tal-assessjar tiegħek | **Tfittex il-provdituri tal-kura fid-dar u taħdem il-prezzijiet** | Tkun assenjat/a pakkett ta' kura fid-dar | Tagħmel Ftehim ta' Kura fid-Dar | Timmaniġġja s-servizzi tiegħek

# Tfittex Provdituri tal-Kura fid-Dar – Konsiderazzjonijiet u Lista tal-Iċċekkjar

| X'GĦANDEK TIKKUNSIDRA | GĦALIEX |
|---|---|
| Liema servizzi huma importanti għalija? | Ser jinħtieġlek tfittex provdituri u tara jekk joffrux servizzi li huma importanti għalik l-aktar jekk għandek bżonnijiet speċjali. Per eżempju, xi provdituri jispeċċjalizzaw f'servizzi bħal lingwa speċifika jew tip ta' servizz bħal dimensja.<br><br>Jista' jkun ukoll li tkun trid tikkunsidra l-post fejn ikun il-provditur billi dan ikun jista' jnaqqas il-ħin tal-ivjaġġar u f'xi każijiet inaqqas l-ispejjeż assoċjati mal-ivjaġġar.<br><br>Tista' ssib il-provdituri fl-inħawi tiegħek billi tuża l-mezz **Find a service** f' **www.myagedcare.gov.au** jew billi ċċempel My Aged Care fuq **1800 200 422**. |
| Nista' nagħżel lil min ikun se jipprovdili ċerti servizzi? | Tista' tgħid x' tipi ta' kura u servizzi tkun trid li jitwassluleк bħala parti mill-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar kif ukoll min iwassallek dawk is-servizzi. Iddiskuti xi preferenzi li jista' jkollok mal-provdituri potenzjali biex tkun taf kif dawn ikunu jistgħu jsiru. |
| Kemm ser iqum kull servizz? | Inti tiddeċidi liema servizzi tirċievi skont il-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar. Billi tkun taf kemm ikun iqum kull servizz u liema servizzi tkun tista' tirċievi, tkun tista' tieħu kemm tista' mill-pakkett tiegħek. Itlob lill-provditur lista tal-prezzjiet ta' kull servizz. Is-servzzi jistgħu jinkludu sapport ġenerali bħal ħasil, mgħodija u ġardinaġġ jew għajnuna personali bħal fl-ilbies, id-doċċa, tuża t-tojlit jew tisjir u tiekol. Jistgħu jinkludu wkoll servizzi ta' nursing kif ukoll sapport fl-aċċess għal għajnuniet u apparat.<br><br>Uri lill-provdituri potenzjali kopja tal-ittra li tapprova l-pakkett tal-kura fid-dar għalik u l-pjan ta' sapport kif ukoll ir-riżultat tal-assessjar tad-dħul tiegħek (jekk ikollok) billi dawn jgħinuk fid-diskussjonijiet. |
| Kemm ikolli nikkontribwixxi għall-ispejjeż tas-servizzi li nirċievi? | Tista' tkun mistenni/ja tikkontribwixxi għall-ispejjeż tas-servizzi tiegħek. Xi spejjeż ikunu sussidjati mill-gvern iżda inti tista' tkun mistenni/ja tħallas:<br>• tariffa bażika ta' kuljum<br>• tariffa għall-kura bażata fuq it-test tad-dħul (jekk id-dħul tiegħek ikun iżjed mid-dħul massimu għall-pensjoni sħiħa, tista' tintalab biex tħallas din it-tariffa)<br><br>Tista' tikseb stima tal-ispejjeż li aktarx ikollok billi tuża l-istimatur tat-tariffi f' My Aged Care **www.myagedcare.gov.au/fee-estimator/home-care**.<br><br>Wara dan inti tkun tista' tirranġa għal assessjar formali tad-dħul, li jkun magħmul mid-Department of Human Services, billi ċċempel **1800 227 475**. |

| | |
|---|---|
| Il-provditur jiċċarġja tariffi – dawn xi jkopru? | Kull provditur ikollu spejjeż amministrattivi assoċjati mall-provvediment tal-kura u s-servizzi. Inti għandek tkun taf sewwa xi jkunu dawk l-ispejjeż u l-impatt fuq il-fondi disponibbli fil-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar. Iċ-ċarġis jissejħu b'mod differenti mill-provdituri għalhekk itlob kjarifikazzjoni dwar xi jkunu jkopru. Per eżempju jistgħu jkunu mniżżla bħala tariffi għall-immaniġġjar tal-każ jew tal-pariri li jingħataw.<br><br>Għandek issaqsi wkoll jekk jiċċarġjawx tariffa tal-ħruġ jekk tiddeċidi li tibdel il-provdituri aktar 'l quddiem. |
| X' Iċċekkjar jagħmel il-provditur biex jiżgura l-kwalità tas-servizz? | Saqsi lil kull provditur dwar il-proċess tal-iskrining tagħhom u x'iċċekjar jagħmlu qabel ma l-impjegati tal-kura jkunu jistgħu jaħdmu mal-klijenti. Tista' ssaqsi wkoll jekk ikollhomx programm ta' taħriġ u xi kwalifiki jistennew li jkollhom l-impjegati tal-kura qabel ma' jkunu jistgħu jaħdmu mal-klijenti.<br><br>Il-provdituri tal-kura fid-dar huma meħtieġa li jipprovdu kura u servizzi b'mod li jkun skont l-iStandards Komuni tal-Kura fid-Dar. Jekk tkun trid taf xi jkunu dawn l-iStandards u kif jaħdmu tkellem mal-provditur. Tista' ssaqsi wkoll kif jiksbu u jużaw il-kummenti tiegħek. |
| Xi proċessi għandu l-provditur biex jimmaniġġja l-ilmenti? | Saqsi lill-provditur xi proċess għandhom biex jintalab il-bdil ta' ħaddiem tal-kura, xi perjodi ta' notiżja u/jew implikazzjonijiet fil-prezzijiet u jekk għandhomx proċess tal-ilmenti. Inti tidderiġi l-kura tiegħek u għandek il-kontrol fuq min iwassallek il-kura u fejn u meta iwassluilek. |
| Nista' nieħu miegħi membru tal-familja jew lil min idur bija għad-diskussjonijiet tiegħi mal-provdituri? | Jista' jkun hemm ħafna informazzjoni diskussa fil-laqgħa tiegħek mal-provditur, għalhekk jista' jkun ta' għajnuna li tieħu miegħek membru tal-familja, min idur bik, jew ħabib/a. Iddiskuti kif il-familja tiegħek tista' tkun inkluża fit-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħek u kif il-provditur jista' jinkludi membru tal-familja/min idur bik fil-pjan tal-kura tiegħek. |

## LISTA TA' X'TIĊĊEKKJA

☐ Ikkunsidra x'inhuwa importanti għalik u kif provdituri potenzjali jistgħu iwasslulek is-servizzi li tinħtieġ u li trid biex jgħinuk timmaniġġja fid-dar.

☐ Agħmel lista tal-provdituri fl-inħawi tiegħek:
- Uża s-Service Finder fil-websajt ta' My Aged Care **www.myagedcare.gov.au** jew
- Ikkuntattja My Aged Care fuq **1800 200 422**

☐ Ħejji l-mistoqsijiet li tkun trid issaqsi lill-provdituri potenzjali - uża l-konsiderazzjonijiet fil-lista ta' hawn fuq bħala gwida.

☐ Iddiskuti l-għażliet tiegħek mal-familja / grupp ta' sapport.

## PASSI LI JMISS

☐ Jekk għadek ma għamiltx hekk, ikkalkula x' tista' tintalab biex tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-kura tiegħek:
- Uża l-istimatur tat-tariffi fil-websajt f' www.myagedcare.gov.au/fee-estimator/home-care
- Għal assessjar formali tad-dħul ċempel lid-Department of Human Services fuq **1800 227 475**

☐ Stenna ittra minn My Aged Care li tavżak li tkun ġejt assenjat/a pakkett tal-kura fid-dar. Din tkun tinkludi kodiċi ta' riferiment għalik biex tippreżentah lill-provditur preferit tiegħek.
Inti mbagħad tista' tinnegozja u tagħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar u tibda tirċievi s-servizzi skont il-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar.



11694 November 2016